# ĠEN 18,1-19

## MEDITATIO

**ATTITUDNI: Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'**

Il-mistoqsija li tmexxina f'din it-tieni skaluna tal-*Lectio Divina* hi:

**X'qiegħed jgħidli/ilna Alla permezz ta' dan it-test?**

* Qatt kont f'sitwazzjoni meta ma rajt l-ebda possibiltà għal djalogu ma' xi ħadd? X'jgħidlek dan ir-rakkont f'sitwazzjonijiet hekk?
* Xi jfisser għalik li tiddjaloga?
* Liema possibiltajiet jiftaħ quddiemek il-bżonn li "toqgħod quddiem xi ħadd" u tisma' lil ħaddieħor?
* Xi tfisser għalik l-esperjenza meta ma ssibx min jisimgħek?
* Kemm tagħti importanza li s-sejħa li Alla qiegħed jagħmillek hija sejħa biex tkun qaddej tal-oħrajn?
* Xi tfisser għalik il-beatitudni: Imberkin dawk li huma safja f'qalbhom?